MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru. 53/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Larry Debono ta’ 16-il sena, iben Joseph u Taddea nee’ Grech,
imwieled ir-Rabat (Ghawdex), nhar it-08 ta’ Awwissu, 1993 u residenti fil-fond numru ‘Phyllis’, Triq il-Moghdija, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 4093(G)**

**U**

**Gabriel Zammit ta’ 15-il sena, iben Raymond u Susanne nee’ Hili,
imwieled ir-Rabat (Ghawdex), nhar it-18 ta’ Settembru, 1993, residenti fil-fond numru ZWW, Triq l-Imghallem,**

**Rabat,Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 33193(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Larry Debono u Gabriel Zammit li gew akkuzati talli gewwa r-Rabat (Ghawdex), f'dawn il-Gzejjer, gewwa l-iskola Sekondarja Ninu Cremona, Triq Fortunato Mizzi, nhar il-20 ta' Mejju, 2008, ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu (11:30hrs), minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqedu il-hajja ta' Mark Xiberras (ID 33594G) f'periklu car, ikkagunawlu ferita ta' natura gravi skond ma ccertifika Dr. R Aquilina MD;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta' Awwissu, 2009;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda tal-vittma Mark Xiberras jirrizulta illi kien Antoine Camilleri illi hebb ghalih u kkagunalu l-ferita f'idejh u dana kif iccertifikat minn Dr. Raymond Aquilina. Jidher illi l-akkuza ghalhekk ma tirrizultax ippruvata fir-rigward taz-zewg imputati Larry Debono u Gabriel Zammit;

Ghaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputati mill-akkuza migjuba fil-konfront taghhom peress illi ma tirrizultax ippruvata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------